**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 1095/2016*
*fl-atti tal-bejgħ bl-irkant ta' mobbli bin-numru 10/2016 fl-ismijiet:*

**Bank of Valletta plc**

**Vs.**

**Gerald George Bartoli, u b'digriet tal-11 ta' Mejju 2020, stante l-mewt ta' Gerald George Bartoli fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju f'ismu ġie trasfuż f'isem Alberto Luigi Bartoli, Maria Luisa k/a Luisa Bartoli u Alessandro Bartoli**

Illum, 30 ta' Jannar, 2024

Kawża Numru:3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti Gerald George Bartoli fit-2 ta' Diċembru 2016, li permezz tiegħu għar-raġunijiet imfissra fl-istess rikors, talab lil din il-qorti jogħġobha tordna s-sospensjoni tal-bejgħ in subbasta fl-ismijiet premessi u tisma' lill-partijiet b'mod sommarju qabel tagħti d-dikriet tagħha, u f'każ li tilqa' t-talbiet tiegħu, tirrevoka *contrario imperio* d-dikriet tal-20 t'Ottubru 2016 u tawtorizza t-twaqqif tal-bejgħ in subbasta tar-rahan tiegħu.

2. Rat ir-risposta preżentata mill-Bank intimat fid-9 ta' Diċembru 2016, li biha oppona t-talbiet tar-rikorrenti billi sostna: (i) illi, kuntrarjament għal dak imsemmi fir-rikors, il-bilanċ kollu kif indikat fir-rikors promotur ta' din is-subbasta, u ċjoè €106,863.23 flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mit-13 ta' Frar 2016 sal-jum tal-pagament effettiv, huwa dovut mill-intimat u assolutament m'huwiex minnu illi l-Bank qatt irrinunzja li jitħallas din is-somma; (ii) illi, għal kull buon fini, għandu jiġi preċiżat, illi dak li ġara fis-sena 2006, kien illi minħabba illi l-istess Gerald George Bartoli ma kienx regolari fil-pagamenti tiegħu, il-Bank ma kellux triq oħra għajr illi jagħlaq xi kontijiet tal-*overdraft facility* u jiftaħ minflokhom kontijiet oħra – dejjem bl-istess debitu tar-rikorrent versu l-Bank li baqa' dejjem veljanti u dovut. Il-Bank huwa diżappuntat illi l-istess Gerald George Bartoli qiegħed jipprova jinterpreta dan il-pass illi l-Bank kellu jieħu minħabba l-inadempjenza tal-istess rikorrent bħal illi b'xi mod irrinunzja għal xi parti mill-bilanċ dovut mill-istess rikorrent lill-Bank of Valletta plc;

3. Rat l-atti proċesswali fl-intier tagħhom, b'mod partikolari x-xhieda prodotti u d-dokumenti eżebiti;

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet kollha preżentati mill-kontendenti;

5. Rat li din il-proċedura tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex jingħata provvediment;

Ikkunsidrat:

6. Illi kif inhu evidenti mir-rikors li bih ġiet promossa din il-proċedura, dak li din il-qorti hija msejħa biex tiddeċiedi huwa jekk hemmx lok għall-waqfien tal-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju mibdi mill-Bank intimat.

7. B'rikors preżentat fis-7 ta' Lulju 2016, il-Bank intimat talab lil din il-qorti jogħġobha tordna l-bejgħ b'subbasta tal-polza t'assikurazzjoni fuq il-ħajja bin-numru X4945754 maħruġa mis-soċjetà Sun Life of Canada f'isem ir-rikorrenti Bartoli, liema talba dikjaratament saret abbażi tal-artikolu 1970 tal-Kodiċi Ċivili. Din il-polza jidher li ġiet mirhuna favur il-Bank intimat in kawtela ta' debiti li r-rikorrenti kien għamel mal-Bank intimat. Din it-talba tal-Bank intimat ġiet milqugħa b'dikriet tas-26 ta' Lulju 2016, li

bih ġie wkoll fissat il-jum tal-5 t'Ottubru 2016 għall-irkant. Peress li r-rikorrent Bartoli ma laħaqx ġie notifikat, b'dikriet tal-20 t'Ottubru 2016 ġiet fissata ġurnata oħra għall-irkant, u ċjoè it-12 ta' Diċembru 2016. Ir-rikorrenti Bartoli ġie notifikat fl-10 ta' Novembru 2016, u pproċeda bir-rikors li bih infetħet il-proċedura odjerna fit-2 ta' Diċembru 2016.

8. Illi l-waqfien ta' bejgħ b'irkant ġudizzjarju huwa regolat mill-artikolu 326 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jipprovdi:

> 326.(l) L-irkant jew il-liberazzjoni għandhom dejjem jitwaqqfu fuq talba tad-debitur bil-kunsens tal-kreditur, jew fuq talba tal-kreditur bil-kunsens tad-debitur, u, f'dan il-każ, kif ukoll meta t-twaqqif isir minħabba impediment leġittimu ieħor, għandhom jinħarġu avviżi ġodda sabiex l-irkant jissokta f'jum ieħor li jiġi stabbilit mir-Reġistratur fi żmien ġimgħatejn.
> (2) Jekk it-twaqqif tal-irkant jiġi mitlub mid-debitur jew minn terza persuna, mingħajr il-kunsens tal-kreditur, it-talba ma tiġix milqugħa, kemm-il darba, flimkien magħha, ma titqiegħedx f'idejn ir-reġistratur, somma, illi, fil-fehma ta' dan, tkun biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jsiru minħabba t-twaqqif.
> (3) Ma tiġix lanqas milqugħa t-talba għat-twaqqif tal-irkant, illi, mingħajr il-kunsens tal-kreditur, tiġi magħmula f'anqas minn sebat ijiem qabel il-jum iffissat għall-irkant, kemm-il darba min jagħmel it-talba ma jaħlifx f'idejn ir-reġistratur, illi r-raġuni tat-twaqqif inqalgħat f'dak iż-żmien, inkella, illi hu ma kienx jaf b'dik ir-raġuni qabel dak iż-żmien.
> (4) Kull min għandu interess jista' jagħmel rikors li bih jitlob lill-qorti tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha li bih tkun awtorizzat it-twaqqif tal-irkant jew tal-liberazzjoni u l-qorti għandha tisma' lill-partijiet b'mod sommarju qabel ma tagħti d-digriet tagħha. Kull digriet bħal dan ma jista' jiġi kkontestat f'ebda qorti.
> (5) Il-qorti għandha tisma' lill-partijiet fuq it-talba għas-sospensjoni, iżda ma għandhiex tiddekreta r-rikors relattiv qabel ma jkun sar depożitu tal-ispejjeż kollha tal-bejgħ fl-irkant bil-qorti.

9. Mill-atti jidher illi r-rikorrenti Bartolo qiegħed f'idejn ir-Reġistratur somma li, fil-fehma ta' dan, tkun biżżejjed biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-waqfien[1]. Jidher

[1] Ara folio 5 u 6.

ukoll li r-rikors tiegħu sar aktar minn sebat ijiem qabel il-jum fissat għall-irkant, u minn dan l-aspett ukoll jidher li l-proċedura segwita minnu hija ritwali.

10. Illi huwa, fil-fehma ta' din il-qorti, evidenti li fi proċedura li ssir taħt l-artikolu 326, fejn il-waqfien tal-irkant ikun qed jintalab mid-debitur mingħajr il-kunsens tal-kreditur, l-qorti adita bit-talba għall-waqfien m'għandhiex tiddetermina l-kwistjoni li tkun qamet bejn il-partijiet b'mod definittiv. Dik il-kwistjoni trid tiġi epurata b'kawża, jew b'azzjoni oħra fejn hekk tkun tippreskrivi l-liġi tal-proċedura, bid-dritt tal-kontendenti li jappellaw mid-deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell. Kuntrarjament, il-qorti li taqta' talba dwar waqfien tiddeċiedi bil-mezz ta' dikriet, li l-liġi tgħid bl-aktar mod ċar li ma jista' jiġi kontestat b'ebda mod.

11. Sfortunatament, il-kontendenti f'din il-proċedura indirizzaw ruħhom daqs li kieku d-deċiżjoni finali li kellha tingħata kienet se tiddeċiedi l-kwistjoni b'mod definittiv. Dan, però, huwa żbaljat. Dak li solitament isir hu li d-debitur jitlob il-waqfien, u dak li jrid jiġi deċiż huwa jekk hemmx lok li jingħata dak il-waqfien sakemm ir-raġuni invokata mid-debitur tkun epurata fil-meritu. Kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ ***Gentiluomo Giuseppe De Domenico vs. Capt. Domenico Toriglia*** (13/10/1876)[2]: «*Che le sospensioni di subasta sono frequentissime, non solo per cause prevedute e riconosciute dalla legge, ma per varia e molteplice sorta di altri ostacoli, tra i quali quello di giudizj, che se ne propongono, ora de terzi, ed ora dai debitori stessi, con ricorsi per la sospensione fino la definizione del giudizio, che le Corti stesse devono decretare, sebbene l'esito stesso del giudizio più volte convince dell'inconsistenza dello stesso, per il quale si sarà fatta sospendere la subasta*».

12. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti jsostni li huwa m'huwiex aktar debitur tal-Bank intimat, billi xi snin qabel, il-Bank intimat kien itterminalu numru ta' faċilitajiet ta' *overdraft* li huwa kellu, u fid-diskussjonijiet li segwew, il-każ kien ingħalaq u kull bilanċ kien magħluq ukoll. Il-Bank intimat jiċħad kategorikament li b'xi mod irrinunzja għal xi bilanċ li kien dovut lilu mir-rikorrenti.

[2] Kollezz. Vol.VII.612.

13. B'rikors tas-27 t'April 2023, l-eredi tar-rikorrenti talbu li jiġu awtorizzati jżidu l-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-artikoli 2156(d), (e) u (f) tal-Kodiċi Ċivili bħala raġunijiet in sostenn tat-talbiet tagħhom f'dawn il-proċeduri, liema talba ġiet miċħuda b'dikriet mogħti minn din il-qorti, kif diversament presjeduta, tas-6 t'Ottubru 2023.

14. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-għeluq tiegħu, il-Bank intimat issottometta li r-rikors li bih ġiet promossa din il-proċedura sar tardivament skont l-artikolu 1970(2) tal-Kodiċi Ċivili. B'dikriet mogħti fis-6 t'Ottubru 2023, din il-qorti kif diversament presjeduta tat lir-rikorrenti żmien biex jippreżentaw sottomissjonijiet fir-rigward, liema sottomissjonijiet ġew preżentati fit-8 ta' Novembru 2023.

15. Billi din l-eċċezzjoni tolqot is-siwi tar-rikors li jrid jiġi deċiż f'dan id-dikriet, huwa opportun li l-qorti tibda billi tqis lilha.

16. L-artikolu 1970(2) tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> It-talba tal-kreditur għal dan il-bejgħ tista' ssir imqar b'rikors u l-qorti tista' fuq din it-talba tordna l-bejgħ tar-rahan, jekk id-debitur jew min jidher għalih skont il-liġi, wara li jiġi nnotifikat kif imiss b'kopja ta' dak ir-rikors, biż-żmien ta' tliet ijiem sabiex iwieġeb, jonqos li jwieġeb jew ma jagħmilx oppożizzjoni għat-talba.

17. Illi kif inhu risaput, l-osservanza tat-termini proċedurali hija materja t'ordni pubbliku, u kwindi sollevabbli anki *ex officio* (ara f'dan is-sens id-deċiżjoni ***Daniela Zwack-Wandrey vs. Messrs. In-sight Ltd***, Appell Inferjuri, 6/10/2010).

18. Iżda din il-qorti ma jidhriliex li l-artikolu 1970(2) għandu l-effetti li qed jattribbwilu l-Bank intimat. Il-liġi trid li l-kreditur li għandu rahan favur tiegħu jista', mqar b'rikors, jitlob il-bejgħ bl-irkant tal-oġġett mirhun. Dak ir-rikors għandu jiġi nnotifikat lid-debitur, li jkollu tliet ijiem biex iwieġeb. Il-liġi mbagħad tgħid li jekk id-debitur jonqos li jwieġeb jew jagħmel oppożizzjoni għat-talba – żewġ fatti li l-liġi tikkontempla b'mod distint – għandu jiġi ordnat il-bejgħ bl-irkant. Ma jfissirx li jekk id-debitur ma jagħmilx oppożizzjoni f'dak il-perjodu ta' tliet ijiem min-notifika tiegħu, jiġu estinti l-jeddijiet kollha tiegħu sabiex jopponi għall-bejgħ bl-irkant ta' ħwejġu. Il-qorti tqis li konsegwenzi tant definittivi kontra terminu tant qasir m'għandhomx jiġu deżunti jew

applikati jekk mhux għaliex il-liġi tkun tant ċara li ma jistax ikun hemm dubju dwar it-tifsira tagħha.

19. Fid-deċiżjoni ***L-Avukat Dottor Anthony Rutter Giappone nomine vs. Mario Tonna noe***[3], ġie ritenut li: «*Skond id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-istitut tar-rahan fil-liġi tagħna, cioe' l-artikoli 1964 et seq. tal-Kodiċi Ċivili, il-kreditur, f'dan il-każ Tonna nomine, ma setgħax jiddisponi mir-rahan. Huwa seta', kif fil-fatt għamel, jitlob li l-vettura tinbiegħ bl-irkant taħt is-setgħa tal-qorti. L-artikolu 1970(2) jipprovdi li din it-talba għandha tiġi miċħuda, f'każ li d-debitur, f'dan il-każ Zahra, jopponi għal-istess talba*». Skont l-interpretazzjoni mħaddna f'din id-deċiżjoni, kull oppożizzjoni min-naħa tad-debitur għandha tirriżulta fiċ-ċaħda tat-talba għall-bejgħ bl-irkant. Din il-qorti lanqas ma jidhrilha li din hija l-aktar interpretazzjoni korretta, partikolarment meta wieħed iqis li d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar ir-rahan ġew imfasslin b'mod u manjiera li jwasslu, bla preġudizzju għad-drittijiet tad-debitur, għar-realizzazzjoni fi żmien utili tal-oġġett mirhun[4].

20. L-iktar interpretazzjoni konformi mal-iskop tal-liġi, fil-fehma ta' din il-qorti, hija li l-qorti tordna b'ċelerità l-bejgħ bl-irkant tal-oġġett mirhun – ċelerità li hija riflessa anki mit-termini qosra applikabbli. Jekk id-debitur iwieġeb jew jopponi fiż-żmien mogħti, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha u skont iċ-ċirkostanzi li fuqhom ikunu bbażati l-oġġezzjoni u t-tweġiba, <u>tiċħad</u> it-talba għall-irkant, f'liema każ il-kreditur imbagħad ikollu jirrikorri għall-proċedura tal-kanonizzazzjoni. Jekk id-debitur ma jweġibx jew ma jopponiex fit-terminu ta' tliet ijiem maħsub fl-artikolu 1970(2), il-konsegwenza m'hijiex id-dekadenza tad-debitur minn dawk l-eċċezzjonijiet li huwa jista' jkollu kontra l-kreditu li dwaru jkun sar ir-rahan. Il-konsegwenza tkun li l-irkant <u>jiġi ordnat</u> mill-qorti, u biex dan jitwaqqaf id-debitur irid jaderixxi ruħu mal-liġijiet tal-proċedura u jitlob il-waqfien tal-irkant kontra d-depożitu tal-ispejjeż u anki jipproċedi hu stess, jekk ikun il-każ, b'kawża li biha jiddeduċi l-eċċezzjonijiet tiegħu kontra l-kreditur.

---

[3] Prim'Awla, 5/4/2002, u kkonfermata fid-29/4/2005.
[4] F'dan is-sens, ***Giuseppe Diacono vs. Herbert L. W. Hare, nomine*** (Appelli Kummerċjali, 10/8/1917 – Kollezz. Vol.XXIII.i.921).

21. Għalhekk din il-qorti ma ssibx li n-nuqqas t'osservanza tal-artikolu 1970(2) tal-Kodiċi Ċivili jagħlaq il-bieb lid-debitur li jipproċedi skont l-artikolu 326 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

22. Barra minn hekk, sabiex il-proċedura maħsuba fl-artikolu 1970(2) tkun verament segwita, huwa neċessarju li l-qorti tiddeċiedi dwar it-talba tal-kreditur għall-irkant tal-oġġett mirhun wara li d-debitur jiġi notifikat bir-rikors u jgħaddi t-terminu ta' tliet ijiem. Fil-każ odjern, il-qorti laqgħet it-talba tal-Bank intimat għall-irkant tal-polza t'assikurazzjoni mirhuna favur tiegħu qabel biss ġie notifikat ir-rikorrenti, u għalhekk ir-rikorrent kien effettivament ipprivat mill-opportunità li jopponi dik it-talba, liema opportunità l-liġi riedet li jkollu skont id-dispożizzjoni ċitata.

23. Għalhekk ukoll, is-sottomissjoni tal-Bank intimat kif magħmula abbażi tal-artikolu 1970(2) tal-Kodiċi Ċivili qed titqies infondata.

24. Fir-rigward tal-mertu, din il-qorti diġà semmiet li fi proċedura bħal din hija prekluża milli tagħti deċiżjonijiet li bihom jiġi definit il-mertu tal-kwistjonijiet bejn il-kontendenti. Anzi, solitament id-debitur li joġġezzjona għall-kreditu li dwaru jkun sar l-irkant iressaq, flimkien mat-talba għas-sospensjoni tal-irkant, kawża li biha jġib 'l quddiem l-oġġezzjonijiet tiegħu għal dak il-kreditu. Il-ġurisprudenza fiha bosta eżempji fejn ġie deċiż li fejn il-parti li tkun eżekutata fi proċeduri ta' subbasta tressaq kawża li permezz tagħha timpunja l-bażi ta' dawk il-proċeduri, ikun aktar għaqli li qabel jitkomplew il-proċeduri ta' bejgħ bl-irkant tiġi l-ewwel deċiża l-kawża fil-mertu. Hekk, per eżempju, fir-rikors għas-sospensjoni tas-subbasta fl-ismijiet ***Edmond Mugliette et vs. More Supermarkets (Hamrun) Limited et*** (Rikors Numru 129/2015MCH, 25/2/2015): «*Il-Qorti tqis illi l-allegazzjoni ta' qerq u frodi perpetrati minn persuni qua rappreżentanti tas-soċjetajiet debituri meta ma kienux hekk awtorizzati u l-konsegwenti simulazzjoni tal-kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu huma allegazzjonijiet serji ħafna fil-konfront tal-kredituri li impliċitament kienu kompliċi f'dan l-att simulat jekk ebda self ma eżista. Hu minnu illi ebda prova ma inġiebet quddiem din il-Qorti dwar l-allegat simulazzjoni u n-natura vera tar-relazzjoni bejn dawn il-kredituri u r-rappreżentanti tas-soċjetajiet li dehru fuq il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Pero mill-banda l-oħra l-Qorti ma tistax tkun impassiva u tippermetti t-tkomplija ta' atti ta' subbasta qabel ma kwistjoni simili tiġi l-ewwel riżolta salv u impreġudikati kull dritt ieħor tal-partijiet.*

*Del resto ebda argument ma nġieb mill-kredituri li jrendi kompletament inattendibbli legalment jew fattwalment l-allegazzjoni tal-kumpaniji More Supermarkets*». Fl-istess sens kien il-provvediment fl-ismijiet ***Avv. Carmel Chircop vs. Dolphin Industrial Services Limited*** (Rikors Numru 994/2012 MCH, 10/10/2012), u anki dak mogħti fl-ismijiet ***Yani Ellul vs. Kurt Galea Pace et*** (Rikors Numru 911/2019 RGM, 12/2/2020).

25. Dan ma jfissirx li, kull meta qorti ssirilha talba għall-waqfien tal-irkant għax tkun saret kawża mid-debitur, tkun obbligata li tilqa' t-talba. Kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi ta' kull każ.

26. Fil-każ odjern, ma saret ebda kawża dwar il-mertu tal-oġġezzjonijiet tar-rikorrenti. Żbaljatament, il-kontendenti ntilfu f'ħafna provi f'din il-proċedura, inutilment kif ġie diġà rilevat.

27. Din il-qorti jidhrilha, partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-provi dwar l-oġġezzjonijiet tar-rikorrenti issa laħqu nġabru u għalhekk jinsabu konservati f'dawn l-atti li jistgħu jiġu allegati jew eżebiti fi proċeduri oħrajn li jistgħu isiru wara llum, u wkoll tenut kont tal-fatt li s-subbasta in kwistjoni issa ilha diġà wieqfa snin minħabba f'din il-proċedura anki jekk ma kienx hemm ordni tal-qorti, li jkun aktar għaqli li t-talba għall-waqfien tas-subbasta tiġi milqugħa, bil-kondizzjoni li r-rikorrenti jiddeduċu kawża dwar l-oġġezzjonijiet tagħhom fi żmien xahar minn dan il-provvediment, u fin-nuqqas, is-subbasta tista' tiġi riappuntata mill-ġdid b'sempliċi talba mill-Bank intimat. B'dan il-mod, il-kontroverżja bejn il-kontendenti tista' tiġi definittivament epurata fi ftit taż-żmien ieħor, la darba l-provi nġabru, u l-irkant ikun jista' jsir, jekk għandu jsir, bis-serħan tal-moħħ li d-debitu li pprovokah ma ġiex estint.

28. Għaldaqstant din il-qorti qed tipprovdi dwar ir-rikors tat-2 ta' Diċembru, 2016, billi:

(i) wara li tiċħad l-eċċezzjoni tal-perenzjoni a tenur tal-artikolu 1970(2) tal-Kodiċi Ċivili sollevatha mill-Bank intimat;

(ii) tilqa' t-talba għall-waqfien tal-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju ta' oġġetti mobbli bin-numru 10/2016, b'dan li r-rikorrenti għandhom sa mhux aktar tard minn xahar millum jiddeduċu l-oġġezzjonijiet tagħhom kontra l-kreditu tal-Bank intimat

b’kawża, u fin-nuqqas, il-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju jkun riappuntabbli b’sempliċi talba tal-Bank intimat.

L-ispejjeż ta’ din il-proċedura, minħabba l-mod kif mexa s-smigħ tagħha, għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur